**Nru. 159**

**ĦATRA TA’ AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

**No. 159**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)**

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIVIŻJONI<br>*DIVISION* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Dr J.M. Cachia | Direttur Ġenerali<br>*Director General* | Saħħa<br>*Health* | 07 - 16.03.2007 |

Is-27 ta’ Frar, 2007

27th February, 2007

**Nru. 160**

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT**

**Kumitat Ornis**

*Emenda*

B’RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 149 bid-data tat-22 ta’ Frar, 2007 f’paġna 1750, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta’ Frar, 2007, ngħarrfu illi Dott. Tonio Azzopardi ta r-riżenja tiegħu bħala *Chairman* tal-Kumitat Ornis u mhux Dott. Tonio Borg kif hemm fil-verżjoni bil-Malti.

Is-27 ta’ Frar, 2007

**No. 160**

**MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT**

**Ornis Committee**

*Amendment*

WITH reference to Government Notice No. 149 dated 22nd February, 2007 on page 1750, published in the Government Gazette of the 23rd Februrary, 2007, it is notified that Dr Tonio Azzopardi handed in his resignation as Chairman of the Ornis Committee and not Dr Tonio Borg as shown in the Maltese version.

27th February, 2007

**Nru. 161**

**ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA’ L-AMBJENT (KAP. 435)**

**ATT DWAR L-IPPJANAR TA’ L-IŻVILUPP (KAP. 356)**

**Regolamenti ta’ l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali**

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta’ l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (A.L. 311 ta’ l-2006), li ġew ippubblikati fis-7 ta’ Diċembru 2006, l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qiegħda b’din tiddikjara s-sit imniżżel hawn taħt bħala Żona Speċjali ta’ Konservazzjoni – Sit Kandidat ta’ Importanza Nazzjonali:–

NAT 008. Żona fil-baħar fl-inħawi tad-Dwejra, Għawdex.

Is-27 ta’ Frar, 2007

**No. 161**

**ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 435)**

**DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)**

**Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006**

IN accordance with the provisions of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (L.N. 311 of 2006), published on the 7th December 2006, the Malta Environment and Planning Authority hereby declares the site listed hereunder to be a Special Area of Conservation – Site of National Importance:–

NAT 008. Marine area in the limits of Dwejra, Gozo.

27th February, 2007


St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:21240976 Fax:21224846
MEPA
MALTA ENVIRONMENT
AND PLANNING
AUTHORITY
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E57483, N72237
Max E58409, N73070
Regolamenti ta' l-2006 dwar
il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna
u Ambjenti Naturali
Żona Speċjali ta' Konservazzjoni -
Sit ta' Importanza Nazzjonali
Żona fil-Baħar fl-Inħawi tad-
Dwejra
NAT 008
0
500
1,000
metres
426376.83
3992716.70
426377.99
3988509.34
N